# EN PASSANT

**ORESTE CALLEJA**

## 2 Drammi



**GHASSA**: Fejn taf x'kien il-każ ta' Shultz - x'inhu l-każ tieghek? - Taf x'inhu l-każ tieghek, Sur Todd?

*Pawsa*

**TODD**: Ma nafx. - Ghadni ma naf xejn.

**GHASSA**: Ma tafx. Ma tafx x'ġie allegat. Min akkużak.

**TODD**: Liema ġakbin akkużani...

**GHASSA**: ...Jew biex int akkużat. Jekk hux każ ta' etika...

**TODD**: Etika?

**GHASSA**: Ksur ta' etika professjonali. Forsi. Jew flus?

**TODD**: Flus?

**GHASSA**:Jew korruzzjoni.

**TODD**: Korruzzjoni... Trid tghid ingann?

**GHASSA**: Korruzzjoni. Thassir tal-fibra morali. Tmermir u tahsir. Tinġis u susa li thassar u tfixkel l-istabbiltà u l-valuri ta' dak kollu li l-aktar hu ghażiż ghad-diriġenti. Dak kollu li hadmu ghalih. — Korruzzjoni. — Forsi.

**TODD**: *(jirrealizza)* Maghmula tieghi.

*(Jum Fost l-Ohrajn)*



PUBBLIKAZZJONI
www.orestecalleja.com

# EN PASSANT

*The artwork used in the cover of the dust jacket is by kind permission of Ms. ELKE REHDER:*

*Der e-Bauer - mixed media on paper*
*Die irrationale Stellung - woodcut*
*Stadtlandschaft kafkaesk - colour etching*

*http://www.elke-rehder.de/illustrationen.htm*
*http://www.schach-chess.com/index_en.htm*

id-drammi ta'
# ORESTE CALLEJA

# EN PASSANT

PUBBLIKAZZJONI
www.orestecalleja.com

Jum Fost l-Oħrajn / En Passant
2016 © Oreste Calleja
ISBN 978 99957 896 26
L-Ewwel Edizzjoni

Edizzjonijiet diġitali
**EPUB, MOBI, PDF, AMAZON KINDLE, IBOOKS**
huma disponibbli mis-sit tal-Internet tal-awtur

**PUBBLIKAZZJONI**
**www.orestecalleja.com**
webmaster@orestecalleja.com

http://teatrumalti.blogspot.com.mt

*Il-produzzjoni, l-isettjar tal-ktieb*
*u d-disinn tal-qoxra:*
*O. Calleja.*

*Id-drittijieti kollha miżmuma mill-awtur.*
*Permess bil-quddiem biex dawn l-iskripts jinħadmu,*
*jittellgħu għall-palk, għat-televiżjoni jew għar-radju,*
*jew għal għamliet oħra ta' xandir jew ta' distribuzzjoni*
*għandu jinkiseb mingħand l-awtur.*

Għal
KIRSTEN
u
KARLA

*"You do not need to accept everything as true, you only have to accept it as necessary."*

FRANZ KAFKA,
THE TRIAL

*"The man who has a conscience suffers whilst acknowledging his sin. That is his punishment."*

FYODOR DOSTOYEVSKY,
CRIME AND PUNISHMENT

"I did not bow down to you, I bowed down to all the suffering of humanity."

*Fyodor Dostoyevsky,*
*Crime and Punishment*

# EN PASSANT

## PERSUNAĠĠI

**KUMMENTATUR**

**SULDAT ISWED**

**SULDAT ABJAD**

**LEĦEN FUQ LOUDSPEAKER**

**IL-KOTRA**

Nota dwar akustika: Id-djalogu, kemm tas-Sudat Iswed u kemm tas-Suldat Abjad, għall-bidu jseħħ minn ċerta distanza (*off mike*) - wara, meta joqorbu lejn xulxin, l-indikazzjoni *'il bogħod* u *viċin* fid-didaskalija tad-djalogu tvarja skont l-esiġenzi drammatiċi tal-azzjoni.

FADE UP

**PREŻENTATRIĊI**

Nippreżentaw "En Passant" - kronaka reġistrata mill-finali tal-logħba li ntlagħbet reċentement fl-istadju nazzjonali. Radjokronista, Korrado Kosta.

FANFARA - BANDA: MUŻIKA MARZJALI.

SULDATI JIMMARĊJAW.

**KUMMENTATUR**

En Passant: Kalvarju f'Seba' Stazzjonijiet u Rxoxt. Kitba għar-radju ta' Oreste Calleja

ŻIFFA ĦAFIF TKARKAR MAGĦHA L-GĦAGĦA TA' FOLLA MBIEGĦDA.

**KUMMENTATUR**

Wesgħa bla qies, maqsuma f'ċanġaturi enormi bojod u suwed. Ix-xefaq jintilef fix-xejn fejn l-art tmiss is-sema, 'il bogħod. Nofsinhar, jew forsi ftit wara. Raġel bilwieqfa, waħdu, f'nofs ċanġatura bajda; liebes korazza sewda tleqq ta' suldat. Wieqaf, iħares 'il bogħod u jgħarrex. Jistenna. Ħadd iżjed. Għalissa.

DAQQ FUQ TANBUR - DAQQ LI JINSTEMA' FIL-BIDU TA' KULL STAZZJON.

**KUMMENTATUR**

L-Ewwel Stazzjon: il-Logħba fl-Eqqel ta' Interess Imħeddel.

FANFARA TA' TRUMBETTA.

**KUMMENTATUR**

Is-Suldat Iswed iqum fuq tiegħu. Jissemma' ħerqan.

**LEĦEN FUQ LOUDSPEAKER**

Ċaqliqa numru 77. Imexxu l-Bojod. Il-pedina Suldat Abjad fuq 4E jimxi fuq 5E. Nirrepetu: 4E jimxi fuq 5E.

DAQQ TA' TANBUR DEJJEM JOQROB. JIEQAF.

ĊAPCIP KAJMAN MINN FOLLA MBIEGĦDA.

**KUMMENTATUR**

Il-kotra numeruża niżlet fil-misraħ biex tara l-Logħba. Tinsab 'il bogħod; ma tidhirx. Quddiem is-Suldat Iswed issa feġġ suldat ieħor - Suldat Abajd fuq ċangatura sewda - wieqaf.

ŻIFFA ĦAFIFA.

**SULDAT ISWED**
*(ipespes)*

Ej, hemm int! — Ejj, l-Abjad!! Lilek qed ngħid!

**SULDAT ABJAD**
*(isikktu)*

Xxx!

**SULDAT ISWED**

Għaliex? Tista' titkellem taf. Ħadd ma jagħti kas.

PAWSA QASIRA.

**SULDAT ISWED**

Ejj! L-Abjad!

**SULDAT ABJAD**

Int żgur?

**SULDAT ISWED**

Żgur? Żgur xiex?...

**SULDAT ABJAD**

Li ma jagħtux kas. Ma jisimgħuniex.

**SULDAT ISWED**

Ibqa' ċert. U lanqas kieku, ma jagħtux kas.

**SULDAT ABJAD**

Fejn taf? Forsi ntellfuhom...

**SULDAT ISWED**
*(jidħak)*

Aħna? Żewġ pedini - żewġ pedini suldati sempliċi ntellfu lilhom? Tgħid m'għandhomx fuqiex jaħsbu? Żgur fuqna qed iħabblu moħħhom!

**SULDAT ABJAD**

Ma nafx...

**SULDAT ISWED**

Ibqa' ċert. Ħadd ma jagħti kas tagħna. Kulħadd għajnejh fuq ir-Re...

**SULDAT ABJAD**

U r-Reġina.

**SULDAT ISWED**

U fuq il-pedini l-oħrajn kollha; mela fuq is-suldati. Ili ħafna niġi għal dal-logħob; qatt ma sibt min jagħti kasna.

**SULDAT ABJAD**

Kemm ilek tiġi?

**SULDAT ISWED**

Minn dejjem nafni.

**SULDAT ABJAD**

Sirt espert mela.

**SULDAT ISWED**

Insomma, u hekk, u hekk. Qatt ma nitlef waħda. Malli nxomm li riesqa l-logħba nagħmel minn kollox biex nogħġobhom ħalli jagħżluni.

**SULDAT ABJAD**

Dejjem jagħżluk?

**SULDAT ISWED**

Dejjem! Kull darba - kull logħba - dejjem hawn issibni lili. Id-darba l-oħra kien imissni mal-Bojod; did-darba mas-Suwed. Mhux għax jimpurtani wisq. L-aqwa li nkun fil-logħba għalija.

**SULDAT ABJAD**

U dejjem ta' suldat jilagħbuk?

**SULDAT ISWED**

Dejjem... *(pawsa qasira)* U iva, ta' Suldat, ta' Kavallier jew ta' Re, mhux xorta? L-aqwa li tilgħab!

**SULDAT ABJAD**

Jilagħbuk.

**SULDAT ISWED**
*(ftit imfantas)*

Jilagħbuk, kollox sew! Mhux xi diżunur wara kollox.

**SULDAT ABJAD**

Le - wara kollox.

**SULDAT ISWED**

...Kemm hawn jixtiequ jkunu flokna! Dawk in-nies f'dik il-folla... *(jidħak)* Kemm hawn minnhom jixtiequ

qegħdin hawn! Eluf! U l-miljuni l-oħrajn jarawna fuq it-televiżjoni. Trasmissjoni diretta - sigħat sħaħ... u huma jibqgħu hemm il-ħin kollu, imwaħħlin mal-pultruni, ma jitilfux ċaqliqa waħda... Qed ngħidlek, miljuni! U kollha biex jaraw lilna!

**SULDAT ABJAD**

Qatt ma bsart.

**SULDAT ISWED**

Jaqaw din l-ewwel darba li għażluk lilek?

**SULDAT ABJAD**

Ġejt xi drabi oħra. — Inti mas-Suwed, hux?

**SULDAT ISWED**

Kif tara. U int mal-Bojod. *(ċajta)* Imnalla m'intix pass eqreb lejja. Kieku kont inkun nista' nieklok. Taf li jekk jerġgħu jmexxuk tiġi taħt idejja, hux? Inkun nista' nieklok meta u kif irrid.

**SULDAT ABJAD**

Taqlagħni barra kieku.

**SULDAT ISWED**

Hekk hu! Pass ieħor 'il quddiem u żakk! Dominus Babiskum! Tkun taħt idejja! Imma! Dawk huma r-regolamenti. Fuqhom trid timxi.

**SULDAT ABJAD**

Ir-regolamenti... L-aqwa li tagħmel kif jgħidulek.

**SULDAT ISWED**

Int ma tinteressax ruħek jaqaw?

**SULDAT ABJAD**

Għalfejn? Hekk jew hekk mhux aħna nagħżlu meta għandna nimxu...

**SULDAT ISWED**

Minn daqshekk tassew...

**SULDAT ABJAD**

...Jew fejn nimxu.

**SULDAT ISWED**

...M'hemmx responsabbiltà kieku.

FANFARA TA' TRUMBETTA.

**SULDAT ISWED**

Hawn aħna! Tagħna jmiss issa!

**SULDAT ABJAD**

Forsi jmexxu lilek. Int għadek fuq l-istess ċangatura tal-bidu. Għadhom ma mexxewkx?

**SULDAT ISWED**

Xxx! Ħa nisma'!

**LEĦEN FUQ LOUDSPEAKER**

Ċaqliqa numru 78. Imexxu s-Suwed. Reġina Sewda fuq 6Ċ timxi fuq Kavallier Abjad fuq 4A. Nirrepetu: 6Ċ timxi fuq 4A. Kavallier Abjad jinqala' barra. Nirrepetu: Kavallier Abjad jinqala' barra.

FANFARA TA' TRUMBETTA.

TEKTIK TA' NGĦAL.

ŻIEMEL JIŻHER - IL-PASSI TIEGĦU JITBIEGĦDU FOST ĊAPĊIP KBIR MILL-FOLLA.

**SULDAT ISWED**

Hemm hu - ieħor! Kavallier ieħor tagħkom barra. M'hawn għalih il-Kavallier Abjad!

**SULDAT ABJAD**

Basta ħalla l-ħmieġ taż-żiemel warajh. Basta ħallielna l-intiena tiegħu! Ara iġbru u naddaf minn hemm qabel iduru għalina d-dbieben. Taf li xogħlok dak ukoll! Dak hu r-regolament!

**SULDAT ISWED**

U niġbru, niġbru!

JIĠBOR IL-ĦMIEĠ TAŻ-ŻIEMEL:

ĦSEJJES TA' PALA TITKAXKAR FUQ IL-MADUM.

**SULDAT ISWED**
*(ikompli)*

L-aqwa li aħna qed nirbħu!

**SULDAT ABJAD**

Mhux lakemm tgħid. Ma tgħidx tista' tara x'inhu jiġri minn hawn. Mhux minn hawn...

DUBBIENA SOLITARJA VIĊIN ĦAFNA

**SULDAT ABJAD**

Qaħba dubbiena!... Ftit ilu meta kont in-naħa l-oħra rajt it-Torri tagħkom jinqala' barra.

**SULDAT ISWED**

U int it-Torri ssemmi! Għax ma ssemmix kemm digà kaxkarnielkom pedini aħna. Aħna nirbħu - issa tara.

**SULDAT ABJAD**

Ma tistax tgħid. Trid tkun dort dawra sew - ħadt idea kif inhuma mifruxin il-pedini li baqa' qabel titkellem...

**SULDAT ISWED**

Aħna!

**SULDAT ABJAD**

...Ma tistax tgħid min mixi fuq l-aħjar pjan - l-aħjar strateġija.

**SULDAT ISWED**

Aħna. Issa tara kif aħna.

**SULDAT ABJAD**

Xi ħadd irid jitlef. — Mhux li kien.

**SULDAT ISWED**

Xiex? Tirbħu?

**SULDAT ABJAD**

Jew nitilfu. L-aqwa li jeħilsuni. Mhux gost tiegħi meta jagħżluni jien. Kelli ħsibijiet oħra jien.

**SULDAT ISWED**

Ħsibijiet?

**SULDAT ABJAD**

Pjanijiet. Ridt nidħol sal-Belt illum...

**SULDAT ISWED**
*(xejn impressjonat)*

Aah! Il-Belt.

**SULDAT ABJAD**

Kelli erba' qadjiet. Ġurnata bħal din. Dnub li taħliha hawn.

**SULDAT ISWED**

Sebaħ bnazzi. Imnalla taf. Kieku jirrinvijaw kollox kien ikollhom.

**SULDAT ABJAD**

Ridt ngħaddi sas-suq. U mmur sal-Bank. Bħalissa żgur

għalqu.

**SULDAT ISWED**

...Ma naħsibx imma.

**SULDAT ABJAD**

...Ma taħsibx?

**SULDAT ISWED**

...Qatt ma niftakar li rrinvijaw logħba.

**SULDAT ABJAD**

Żgur għalqu.

**SULDAT ISWED**

Xiex?

**SULDAT ABJAD**

Dawk nofstanhar jiftħu. Għalqu żgur.

**SULDAT ISWED**

Min?

**SULDAT ABJAD**

Għedtlek. Kelli nidħol sal-Belt. Il-Bank. Kont naf li ma kellhiex tagħmel xita. Kont ili ngħassislu l-barometru. Kieku bħalissa...

**SULDAT ISWED**
*(fuq kliemu)*

Qatt ma rrinvijawha. Biss niftakar darba - ftit snin ilu - kienet għamlet ix-xita.

**SULDAT ABJAD**

Ix-xita? — Meta? — Iva. Niftakar.

**SULDAT ISWED**

Tiftakar? Kont hawn int?

**SULDAT ABJAD**

Kont mas-Suwed dak iż-żmien. Ixxarrabna għasra niftakar.

**SULDAT ISWED**

Jien ukoll. Xorta komplewha l-logħba imma.

**SULDAT ABJAD**

Qatt ma jieqfu.

**SULDAT ISWED**

Iridu jirbħu.

**SULDAT ABJAD**

Ma jċedux mossa.

**SULDAT ISWED**

Lil kulħadd jissagrifikaw.

**SULDAT ABJAD**

Ma nafx għaliex. Mhux xi sodisfazzjon kbir wara kollox. *(pawsa qasira)* Tirbaħ.

**SULDAT ISWED**

Min?

**SULDAT ABJAD**

Ma jfisser xejn.

**SULDAT ISWED**

Fejn taf int?

**SULDAT ABJAD**

Darba rbaħna aħna.

**SULDAT ISWED**

Ma jistax ikun!

**SULDAT ABJAD**

Niftakar! Dakinhar li għamlet ix-xita...

**SULDAT ISWED**

Ix-xita?...

**SULDAT ABJAD**

Kienu damu jaħsbuha l-aħħar ċaqliqa. Għejejt u marret għajnejja bija. Meta qomt...

**SULDAT ISWED**

*(b'disprezz)*

Ħaħa!

**SULDAT ABJAD**

Xiex ħaħa?... Meta qomt kont għadni bilwieqfa - iżda fuq ċangatura oħra. Niftakar sew...

**SULDAT ISWED**

Ħlomt!

**SULDAT ABJAD**

Kienu bidluli wkoll il-korazza - ma niftakarx x'lewn. Qaluli li l-logħba kienet spiċċat - li aħna konna rbaħna...

**SULDAT ISWED**

Ħolma - dak kollox!

**SULDAT ABJAD**

...Kienet bdiet logħba ġdida. Żgurawni li l-Bojod kienu tilfu.

**SULDAT ISWED**

Intom tliftu mela. Dakinhar jien kont mas-Suwed... u s-Suwed kienu tilfu. Aħna konna tlifna!

**SULDAT ABJAD**

Is-Suwed?.. Qed tħawwad...

**SULDAT ISWED**

Is-Suwed! Meta għamlet ix-xita!... X'inħawwad!

**SULDAT ABJAD**

Is-Suwed ukoll mela. (*pawsa qasira*) Ħsibtu jien.

**SULDAT ISWED**

Xiex? Imma kif jista' jkun! Jekk tilfu l-Bojod u tilfu s-Suwed ukoll - min rebaħ mela?

**SULDAT ABJAD**

Kont nobsor. Min jista' jgħid.

**SULDAT ISWED**

Kont hemm int!

**SULDAT ABJAD**

U int? Kienu damu jaħsbuha l-aħħar ċaqliqa. Niftakar kont għajjien. Irqadt.

**SULDAT ISWED**

Min kien rebaħ imma?

DAQQ TA' TANBUR.

**KUMMENTATUR**

It-Tieni Konfrontazzjoni: L-Antagoniżmu bejn Sempliċi Suldat Abjad u Sempliċi Suldat Iswed.

RIĦ ĦAFIF.

**SULDAT ABJAD**

Bdiet nieżla x-xemx.

**SULDAT ISWED**

Ftit tal-kesħa, hux?

**SULDAT ABJAD**

Is-sirda. Min jaf jeħilsuniex sal-lejla.

**SULDAT ISWED**

Nittama li le.

**SULDAT ABJAD**

Għaliex? Jien għajejt. Ilhom idawruni u jgħaqqduni minn dalgħodu. Rajt biċċa sew mil-logħba. Għajejt. Ili nimxi biżżejjed. — Lilek baqgħu ma mexxewkx minn dik iċ-ċangatura hux? Ilek hemm mill-bidu tal-logħba. Ma mexxewkx. ...Aħjar jew agħar għalik hekk?

**SULDAT ISWED**

Kif?

**SULDAT ABJAD**

Trid tibqa' fejn int? Jew tixtieqhom iċaqalquk?...

**SULDAT ISWED**

Imexxuni dalwaqt, issa tara! L-oħrajn kważi kollha mxew.

**SULDAT ABJAD**

Kollha.

**SULDAT ISWED**

Sal-anqas wieħed?

**SULDAT ABJAD**

Sal-anqas wieħed.

**SULDAT ISWED**
*(b'nofs daħka sfurzata)*

Taf li ma tajtx kas? Kont mitluf fi ħsibijieti. U mbagħad ġurnata bħal din, din l-arja tagħmillek tajjeb. Jafu jagħżluha ġurnata. *(nifs qawwi)* Il-beraħ - x'hemm isbaħ mill-beraħ! Hekk - hawn - tieħu nifs wara l-ieħor - arja

pura - friska - ħielsa! Xi trid aktar mill-ħajja?

PAWSA

**SULDAT ISWED**
*(ikompli)*

Ma tgħidx li jien wieħed minn dawk li dejjem moħħhom fil-Logħba; isegwu sal-anqas ċaqliqa. M'iniex wieħed minn dawk l-iffissati jien.

**SULDAT ABJAD**

M'intix.

**SULDAT ISWED**

Lili dejjem hekk. Iħalluni għall-aħħar apposta. Dejjem ikollhom xi pjan għalija - xi ħsieb speċjali. Għalhekk ma jċaqalqunix kmieni.

**SULDAT ABJAD**

Dalwaqt neħles jien ikolli ngħid.

**SULDAT ISWED**

...Għalhekk.

**SULDAT ABJAD**

Ilhom idawruni.

**SULDAT ISWED**

Semmejtli xi ħaġa.

**SULDAT ISWED**

Kemm iddum iddur; fl-aħħar tiddejjaq. Kemm iddum tibla' duħħan u rwejjaħ. Il-monotonija... Kieku tgħid taf x'inhuma jħawdu - fuq liema pjan mexjin - jekk għandhom xi pjan... Imma hekk, issa jmexxuk 'l hawn, issa jbandluk 'l hemm, bla ma taf għalfejn, x'gost fiha? *(pawsa qasira)* Lilek imma... lilek baqgħu ma mexxewkx mela?

**SULDAT ISWED**

Le! *(nifs)* Diġà - diġà staqsejtni mingħalija.

**SULDAT ABJAD**

Min jaf kif irżaħt.

**SULDAT ISWED**

Għaliex? Inxtwejt taħt dik ix-xemx. Issa li bdiet taqa' r-reżħa.

**SULDAT ABJAD**

Ħlejt jum sħiħ, dak li naf. Kemm se ddum biex tispiċċa? Għajejt nimxi jien...

**SULDAT ISWED**
*(kważi isteriku)*

Aqtagħha trid!

**SULDAT ABJAD**

Għaliex?...

**SULDAT ISWED**

Aqtagħha!

**SULDAT ABJAD**

...Qed indejjqek?

**SULDAT ISWED**

Iva - ħafna! Aqtagħha!

SKIET.

**SULDAT ISWED**

...Kliem, kliem, kliem! Tgħid, tgħid, tgħid! Ħu nifs! Kont aħjar qabel ġejtni quddiemi. Dejjem tpaċpaċ u tgħid! Aqtagħha ftit trid!?

**SULDAT ABJAD**
*(kalm - jirraġuna)*

Isma', int tkellimt l-ewwel taf. Int għedt li nistgħu nitħaddtu; nikkomunikaw. Ħsibtek kont waħdek - iddejjaqt ma kellekx ma' min tgħid kelma, il-ħin kollu wieqaf, ma tiċċaqlaqx. Waħdek. Ħsibt tieħu gost issib ma' min tgħid kelma...

**SULDAT ISWED**

AQTAGĦHA!

PAWSA QASIRA.

**SULDAT ABJAD**

Kif trid. *(nifs)* Jekk kliemi qed idejqek ma nitkellmux iżjed. *(nifs)* Jekk qed indejqek...

**SULDAT ISWED**

*(jonfoħ bir-rabja).*

**SULDAT ABJAD**

Tajjeb. Kif trid.

PAWSA TWILA.

**SULDAT ABJAD**

*(isaffar waħdu - l-ewwel tliet noti tal-bidu tal-Ħames Sinfonija ta' Bethoven)*

Pum pum pum PUMM!

*(baritonu - eku tal-istess noti)*

...Mort dort il-port!

**SULDAT ISWED**

*(jonfoħ)*

**SULDAT ABJAD**

*(l-istess)*

Rajt, smajt u bqaaajt!

*(l-aħħar nota basso profondo sa ma titkarkar fix-xejn).*

PAWSA TWILA TWILA.

**SULDAT ISWED**
*(jieħu nifs qawwi ta' serħan)*

Ġież! Tgħid kelma fiha u ma fihiex. Imma inti tgħid u tgħid il-ħin kollu. Tifgani! Tħallini bla nifs! — Tifgani. Kelma f'ħalqi tifgahieli int. *(pawsa)* Nieħu gost nisimgħek tgħid kemm ilek tilgħab, kemm digà rajt mil-logħob. Nieħu gost mela ma niħux. Imma mhux il-ħin kollu - bla nifs! Trid tieqaf xi ftit - tagħti ċans lili wkoll!... *(pawsa)* Dawk in-nies kollha - dik il-folla ssegwi kull ċaqliqa, tismagħhom iċapċpu, mela ma tismagħhomx. Imma mhux il-ħin kollu, bla heda. Iċapċpu ftit u jieqfu. Kollox f'ħinu. Tagħti ċans.

**SULDAT ABJAD**

Jinsabu 'l bogħod dawk.

**SULDAT ISWED**

Ċans, le?

**SULDAT ABJAD**

Nofshom bilkemm naħseb għadhom jagħtu kas x'qed jiġri f'dal-misraħ. Jekk jafu. *(pawsa)* Hemm ġnien hemm, in-naħa l-oħra. *(bil mod il-mod jitkellem aktar bil-għaġla aktar ma jmur, donnu qed jisraq il-ħin)* Kont taf li hemm ġnien hemm? Jieħdu t-tfal tagħhom hemm, jilagħbu fuq il-bandli, jibnu kastelli fuq ir-ramel, iqaċċtu l-fjuri. Meta kont in-naħa l-oħra tal-misraħ - meta mexxewni l-ewwel darba u kilt waħda mill-pedini tagħkom, meta kont in-naħa l-oħra, diġà kien mimli. Il-ġnien. Ħafna mill-folla kienet diġà nġabret hemm. Min jaf x'hemm tan-nies issa. Trabi fil-benniena. Ġelati u pastizzi. *(pawsa - kalm)* Ma kontx taf li hemm ġnien in-naħa l-oħra. Naqta' rasi.

**SULDAT ISWED**
*(kiebi - rassenjat)*

Le.

**SULDAT ABJAD**

Minn hawn ma tara xejn kieku.

**SULDAT ISWED**

Ma tara xejn.

**SULDAT ABJAD**

Bilkemm tilmaħ il-pedini l-oħrajn, ibbalzmati, weqfin fuq iċ-ċangatura tagħhom, ma jitħarrkux. Jistennew li jisimgħu t-trumbetta jew il-Loudspeaker iħabbrilhom min u fejn għandhom jimxu.

**SULDAT ISWED**

Kulħadd irid jistenna.

**SULDAT ABJAD**

Biex imbagħad isibu li l-logħba tkun spiċċat. Ħlew ħinhom għal xejn.

**SULDAT ISWED**

Wara iżda tibda logħba oħra.

**SULDAT ABJAD**

Sena wara. *(deċiż)* Jien imma ma nkunx hawn sena oħra. Ikolli x'nagħmel.

**SULDAT ISWED**

Lili hawn issibni - sal-aħħar! Meta jiġu l-Istitut tagħna biex jagħżluna dejjem minn ta' quddiem inkun.

**SULDAT ABJAD**

U dejjem jagħżluk. Għedtli. Imma għala dejjem ta' Suldat? Qatt ma tlabt xi ħaġa oħra? Ma ngħidx ta' Sultan, iżda forsi ta' Torri, jew ta' Kavallier...

**SULDAT ISWED**

Le. Dejjem ta' Suldat.

**SULDAT ABJAD**

...Ta' Isqof!

**SULDAT ISWED**

Isqof! Iva, mela kif! Barra minn hekk, togħġobni din il-korazza li jtuna. Issa drajtha.

**SULDAT ABJAD**

Tqila iżda - l-aktar l-elmu. Darba lili riduni nagħmilha ta' Kavallier. Ma ridtx.

**SULDAT ISWED**

Int ma ridtx?

**SULDAT ABJAD**

Għedtilhom ma nafx nirkeb żiemel. Emmnuni.

**SULDAT ABJAD**

Qed nifhem.

**SULDAT ISWED**

Xorta imma. Ma ħafruhilix. Minn dakinhar kelli noqgħod b'seba' għajnejn.

**SULDAT ABJAD**

Jien kieku naf nirkeb żiemel.

**SULDAT ISWED**

Inżomm subgħajja dritt. B'seba' għajnejn.

**SULDAT ABJAD**

Inbati bil-vertiġni iżda.

**SULDAT ISWED**

Għalhekk forsi ta' Suldat dejjem jagħtuk parti lilek.

**SULDAT ABJAD**

Le. Tal-Istitut jafu li nippreferi nagħmilha ta' Suldat; jerfgħuha għalija. Int minn liema Istitut tiġi?

**SULDAT ABJAD**

Tal-Orfni. Iżda issa kbirt. Ma jħallunix hemm wisq aktar. Jekk tal-anqas ma jsibulix xogħol hemm stess, fl-Istitut.

**SULDAT ISWED**

Hekk kienu għamluli lili wkoll. Kont fl-Istitut tax-Xjuħ, naħdem hemm. Meta xjaħt imbagħad żammewni magħhom.

**SULDAT ABJAD**

Kif issibek hemm?

**SULDAT ISWED**

Tajjeb ħafna. Issa drajt. Ukoll l-Istitut tal-Orfni kont drajt.

**SULDAT ABJAD**

Minn istitut għal ieħor mela.

**SULDAT ISWED**

Dejjem issib min jaħseb fik.

**SULDAT ABJAD**

Min jaħseb għalik.

**SULDAT ISWED**

Jgħidulek x'għandek tagħmel...

**SULDAT ABJAD**

U x'ma tagħmilx.

**SULDAT ISWED**

Jgħidulek x'm'għandekx tagħmel...

**SULDAT ABJAD**

U x'ma tagħmilx.

**SULDAT ISWED**

Titgħallem il-parti sewwa jagħżluk għal-logħba. Darba

fis-sena jagħmlu s-sejħa għall-voluntieri. Ftit jintgħażlu. L-oħrajn jibqgħu l-Istitut, jarawna fuq it-televixin.

**SULDAT ABJAD**

Jiċċassaw lejna - ħut fil-vaska tal-ilma ħelu.

**SULDAT ISWED**

Jittamaw li darb'oħra jmiss lilhom. Jekk juru li tgħallmu l-parti tagħhom - jagħtu xhieda ta' fiduċja.

**SULDAT ABJAD**

Sakemm ma jaqtgħux qalbhom li xi darba qatt jintgħażlu. Jgħidu dis-sena fl-Istitut tagħna ħadd ma ried imur voluntier.

**SULDAT ISWED**

Jgħidu...

**SULDAT ABJAD**

Ċert.

**SULDAT ISWED**

Lanqas intom?...

**SULDAT ABJAD**

Lanqas.

**SULDAT ISWED**

X'għamlu mbagħad? Is-Superjuri?...

**SULDAT ABJAD**

Xejn. Għal jumejn sħaħ ma għamlu xejn. Kienu qed jaħsbuha kif se jikkonvinċuna.

**SULDAT ISWED**

U wara?

**SULDAT ABJAD**

Reġgħu talbuna wara jumejn. Sabu voluntieri kemm

riedu. Inzerta li fl-istitut inqatgħu d-dawl u l-ilma. Inzerta. Kumbinazzjoni. Damu jumejn ma jiġu lura. Kulħadd kien beda jixba' fil-ħabs. Fl-aħħar uħud minna għażlu li joffru rwieħhom voluntieri. Qtajna bix-xorti.

**SULDAT ISWED**

U mbagħad reġa' d-dawl u l-ilma fl-Istitut.

**SULDAT ABJAD**

Fiċ-ċelel kollha. Dakinhar stess.

**SULDAT ISWED**

Meta tispiċċa l-Logħba jriduk lura mela.

**SULDAT ABJAD**

Jiddependi. Skont kif tispiċċa.

**SULDAT ISWED**

Aħna qed nirbħu.

**SULDAT ABJAD**

Ikolli mmur lura mela.

**SULDAT ISWED**

Aħna nirbħu. Naf sewwa x'inhu jiġri. Ma tliftx ċaqliqa waħda - mossa waħda.

**SULDAT ABJAD**

X'taħseb li se jagħmlu tagħkom issa?

**SULDAT ISWED**

Imexxu. Dalwaqt. Imexxu s-Suwed. M'hemmx alternattiva.

**SULDAT ABJAD**

Imma 'l min? Taf lil min?

**SULDAT ISWED**

Għandhom pjan, tibżax. Ma tistenninix ngħidlek il-

pjanijiet tagħna għandi naħseb hux?

**SULDAT ABJAD**

Ukoll il-Bojod għandhom pjan.

**SULDAT ISWED**

Tagħna l-aħjar. — Forsi... jista' jkun li... irrid ngħid, ma jistax ikun li jmexxu lili? Forsi? Eh? Lili?

**SULDAT ABJAD**

Probabbli. Ma ngħidx li le - forsi. Lil xi ħadd iridu jmexxu. Biss, jekk imexxu lilek...

**SULDAT ISWED**

Issa hekk jew hekk tagħkom imisshom imexxu. Sintendi.

**SULDAT ABJAD**

...Irrid ngħid, jekk imexxu lilek meta jmiss lil tagħkom... *(jieqaf)*.

**SULDAT ISWED**

Eh? X'jiġri?

**SULDAT ABJAD**

Xejn. Aħjar ma jmexxuk xejn. Xi trid timxi tagħmel? Mhux qiegħed tajjeb fejn int?

**SULDAT ISWED**

Iva... Imma le, għid – x'jiġri? Jekk imexxu lili, xi tridu jiġri?

**SULDAT ABJAD**

Jien ma rrid xejn...

**SULDAT ISWED**

Tkellem!...

FANFARA TA' TRUMBETTA.

**SULDAT ABJAD**

Erġajna!

**SULDAT ISWED**

Għaliex m'għandhomx imexxu lili? M'għandix dritt?...

**LEĦEN FUQ LOUDSPEAKER**

Ċaqliqa numru 79. Imexxu l-Bojod. Torri Abjad fuq 2D jimxi fuq 4D. Nirrepetu: Torri Abjad fuq 2D jimxi fuq 4D.

ĦSEJJES RESQIN TA' MAKKINARJU GOFF:

(TANK TAL-GWERRA? - MAGNA LI TAĦDEM BL-ISTIM FORSI?)

IŻAQŻAQ U JONFOĦ HEKK KIF JIEQAF BI ŻBROFF AĦĦARI TA' EGŻOST U STIM.

ĦJIEL TA' ĊAPCIP MILL-FOLLA.

**SULDAT ABJAD**

Hawn hu! Reġa' ħdejja. Ukoll l-ewwel meta kont hemm isfel, warajja eżatt ġie. Kull pass li nagħmel dejjem insibu warajja. Għandhom xi pjan żgur.

**SULDAT ISWED**

Min jaf min hemm ġo fih...

**SULDAT ABJAD**

Se jimliena duħħan. U jien ikolli nimsaħ warajh id-diesel u ż-żjut li jxerred, dak li naf!

**SULDAT ISWED**

...Min jaf imma? Ħej hemm, tat-Torri l-Abjad! Kif inhu sejjer il-logħob? Tista' tara l-firxa tal-misraħ kollu minn hemm fuq int - kif inhu sejjer il-logħob, eh? *(bid-daħka)* Tagħna qed jirbħu, eh?

PAWSA

**SULDAT ABJAD**

Għalxejn.

**SULDAT ISWED**

Tgħid minn dak l-għoli mhux jismagħni?

**SULDAT ABJAD**

Jew semgħek u ma jridx iwieġeb.

**SULDAT ISWED**

Ma jridx kif? — Ej, hemm fuq! Lilek qed ngħid, tafx? — Dan mutu jew?

**SULDAT ABJAD**

Lanqas meta konna n-naħa l-oħra, lil ħadd ma kellem. Hemmhekk iżda, fejn il-logħob jinsab fl-eqqel tiegħu, ħadd ma jitkellem. Li kont minnek ma nkellmu xejn.

**SULDAT ISWED**

Għaliex?...

**SULDAT ABJAD**

Kutu kutu...

**SULDAT ABJAD**

Għaliex? Ma qed nagħmel xejn ħażin wara kollox. — Taf x'ngħid? Tgħid dak... dak trux? Eh? Tgħid trux?

SKIET - GĦAJR GĦAR-RIĦ LI ISSA DONNU BEDA JIŻDIED.

DAQQ TA' TANBUR.

**KUMMENTATUR**

It-Tielet Kontestazzjoni: Protesta ta' Sempliċi Suldat Iswed kontra l-Mexxejja.

**SULDAT ISWED**

Qed ngħid, dak is-sħab reġa' beda jinġema' ġmielu. Jalla hix se tagħmel ix-xita.

**SULDAT ABJAD**

Jixegħlu d-dawl artifiċjali jkollhom dalwaqt.

**SULDAT ISWED**

Xorta nixxarrbu. Jekk tagħmel ix-xita.

**SULDAT ABJAD**

Forsi jieqfu jekk tagħmel ix-xita.

**SULDAT ISWED**

Ikompluha għada jkollhom imbagħad. Forsi. Terġa' tiġi l-folla għada iżda?

**SULDAT ABJAD**

Tiġi. Imma aħna - x'nagħmlu aħna? Iħalluna nistennew? X'jagħmlu bina?

**SULDAT ISWED**

Bina? Min jaf. Qatt ma ġrat qabel. Qatt ma waqqfu l-logħba qabel it-tmiem. Kieku jridu jaħsbu x'jagħmlu bina, le? Tgħid qatt għaddielhom minn moħħhom? Xi tgħid eh? Qatt ħasbu? *(ebda tweġiba)* Ħej, hemm int!

**SULDAT ABJAD**

Għid, għid. Qed nisma'.

**SULDAT ISWED**

Ħsibtek irqadt.

**SULDAT ABJAD**

Ma tkunx l-ewwel darba. Darba rqadt u meta stenbaħt sibt li konna rbaħna. Is-Suwed kienu tilfu niftakar...

**SULDAT ISWED**

Mhux il-Bojod? L-ewwel għedt li l-Bojod...

**SULDAT ABJAD**

Ngħid tant affarijiet jien. *(pawsa qasira)* Kważi kważi mhux li kien norqod.

**SULDAT ISWED**

Biex meta tqum issib li kontu rbaħtu intom?

**SULDAT ABJAD**

Biex tispiċċa l-Logħba.

ĦSEJJES'IL BOGĦOD: ĊAQĊIQ - FAQQATURI TA' XKUBETTJAR, DONNHOM MUSKETTERIJA.

**SULDAT ISWED**

Dak x'kien?

EBDA TWEĠIBA.

ŻBROFF TA' EGŻOST MIT-TORRI L-ABJAD. ĦSEJJES GĦAL XI WAQTIET, DONNHOM TA' XI MAGNA QED TIPPROVA TISTARTJA. JIEQFU.

PAWSA.

ŻAQŻIQ TAT-TORRI TAL-INJAM, DONNU R-RIĦ JONFOĦ MADWARU.

**SULDAT ISWED**

Kont qed naħseb...

**SULDAT ABJAD**
*(pront)*

Ma naħseb xejn...

**SULDAT ISWED**
*(l-istess)*

Dwar il-Logħba!...

**SULDAT ABJAD**

...Li kont minnek.

**SULDAT ISWED**

Għala le? Ninsabu f'punt kruċjali naħseb - dak it-Torri donnu lest biex jerġa' jimxi. Jekk segwejt il-logħba sew s'issa...

**SULDAT ABJAD**

Għalfejn tħabbel rasek? Dak li nistaqsi jien - għalfejn? Mhux huma jafu x'inhuma jagħmlu?

**SULDAT ISWED**

Huma iva. Imma aħna ninsabu fin-nofs. Tinsiex! U aħna mmorru fin-nofs jekk tispiċċa ħażin.

**SULDAT ABJAD**

Li kont minnek...

**SULDAT ISWED**

Aħna, le?

**SULDAT ABJAD**

Ma nistgħu nagħmlu xejn. Aħna.

**SULDAT ISWED**

Tista' taħseb! Aħna mhux magni - mhux annimali - għandna moħħ aħna. Ħabbel moħħok. Ara kif tgħin il-qagħda ta' sħabek!

**SULDAT ABJAD**

Sħabi min?

**SULDAT ISWED**

Il-Bojod. Int għin lil tal-Bojod u jien lil tas-Suwed! Kulħadd jagħti sehmu...

**SULDAT ABJAD**

U ngħin jien! Daqskemm ġbart qatran u msaħt żjut wara dak it-Torri...

**SULDAT ISWED**

Kulħadd jagħti sehmu...

**SULDAT ABJAD**

U jekk għada jgħiduli "Għin lis-Suwed"?

**SULDAT ISWED**

Allura? Għin lis-Suwed mela; għada.

**SULDAT ABJAD**

Jiġifieri llum ngħin lill-Bojod u għada ngħin lis-Suwed. Ma fihiex sens. Mhix raġonevoli. Fejn hu l-għan?

**SULDAT ISWED**

Tal-anqas tkun issilitt - urejt ħiltek...

**SULDAT ABJAD**

Bla għan.

**SULDAT ISWED**

Iva, imma timxi fil-għama mela? Ma taf qatt fejn sejjer?

**SULDAT ABJAD**

Hekk ġabuna. *(pawsa qasira)* M'hemmx għalfejn toqgħod tinkedd wara kollox. Xorta li jridu jagħmlu bina. — U fuq kollox li kont minnek... *(jieqaf)*.

**SULDAT ISWED**

Li kont minni...

**SULDAT ABJAD**

Xejn.

**SULDAT ISWED**

Xiex li kont minni?...

**SULDAT ABJAD**

Li kont minnek ma naħseb xejn.

**SULDAT ISWED**

Ma ninkeddx tgħid int?

**SULDAT ABJAD**

Għalfejn? Hekk jew hekk.

**SULDAT ISWED**

U int fejn tarani ninkedd lili? M'iniex wieħed minn dawk l-iffissati tal-Logħba jien. M'iniex xi ffissat.

FANFARA TA' TRUMBETTA.

**SULDAT ABJAD**

Hemm huma ħej. Baxxi rasek biex tobdi.

**SULDAT ISWED**

Iskot! Isma' x'se jgħidu.

FANFARA ITWAL TA' TRUMBETTA IMMA KEMXEJN AKTAR INĊERTA U STUNATA.

TIEQAF ĦESREM.

PAWSA. SKIET.

**SULDAT ISWED**

X'ġara? X'qed jistennew?

**SULDAT ABJAD**

Għandhom xi ħsara forsi. Jew qed jiċċekkjaw l-ordni?

**SULDAT ISWED**

Taħseb? — Tgħid taw l-ordni u ma smajnihiex? Forsi mhux jaħdem il-loudspeaker.

**SULDAT ABJAD**

Jew waqfu biex jagħtu xi avviż. Ġieli ġara - jekk ikun importanti. Niftakar darba ħabbru li ntilef portafoll. Sabuh tlett ijiem wara fil-but ta' raġel mgħallaq ma' bandla tal-ġnien. Sibtu vojt il-portafoll fuq kollox. Misshom avżawni qabel li kien vojt, ma taħsibx? Jew tgħid forsi m'avżawx apposta - għax kieku ma kontx insib il-portafoll? Ma kontx nindaħal - nikkomprometti ruħi kif għamilt?...

ĦOSS TA' KORAZZA TAL-ĦADID.

**SULDAT ISWED**

X'int tħawwad?

**SULDAT ABJAD**

Dal-portafoll li weħilt il-ħabs minħabba fih; kont qed ngħidlek...

**SULDAT ISWED**

Aqtagħha ħa nisma'! X'qed jistennew? Xi x-xjaten qed jistennew!

ĦOSS AKTAR QAWWI TA' KORAZZA TAL-ĦADID.

**SULDAT ABJAD**

Eqq! X'int tagħmel? Tiċċaqlaqx minn hemm! Tinkeddx! Tpaxxihomx!

**SULDAT ISWED**

U int tista' titkellem!...

**SULDAT ABJAD**

Ma tridx turihom!...

**SULDAT ISWED**

...Jew! Int is-sehem tiegħek fil-logħba għamiltu! Kulħadd għamlu. Jien biss le! Jien biss bqajt ikkakkmat hawn! X'qed jistennew biex imexxuni? Qed jisimgħuni tgħid? Jafu li għadni ma mxejtx?...

**SULDAT ABJAD**

Tiċċaqlaqx!

**SULDAT ISWED**

Ej, hemm intom! Isimgħuni! Jien għadni hawn! Jien - Suldat Iswed fuq 7F - jien hawn għadni tafux! Jien irrid nagħmel xi ħaġa! Qed nistenniekom tmexxuni!

ĦOSS TAL-KORAZZA DEJJEM EQREB.

**SULDAT ABJAD**
*(bogħod)*

Attent! Kulħadd qed jarak! Ejja lura!

**SULDAT ISWED**
*(viċin ħafna)*

Jarawni! Aħjar! Irridhom jarawni - jiftakru fija! U jmexxu lili! Jien biss - jiena biss għadni ma mxejtx - jiena biss!...

**LEĦEN FUQ LOUDSPEAKER**
*(jiġi lura f' daqqa - jirbombja fost ħafna textix)*

...7F! - Suldat Iswed fuq 7F. Nirrepetu!

**SULDAT ABJAD**

Hemm int! Issa żgur kulħadd iħares lejk. Hemm int!

**LEĦEN FUQ LOUDSPEAKER**
*(jidwi)*

7F - 7F -7F.

**SULDAT ABJAD**

Se jmexxu lilek!

**SULDAT ISWED**

*(jidħak - daħka belhana, bejn ta' ferħ bejn ta' biża')*

Lili! Lili!

**LEĦEN FUQ LOUSPEAKER**

Ċaqliqa numru 80. Imexxu s-Suwed. Il-pedina Sempliċi Suldat Iswed fuq 7F jimxi fuq 6F. Nirrepetu: 7F jimxi pass 'il quddiem fuq 6F.

**SULDAT ISWED**

Lili! Se jmexxu lili!

*(leħnu jitlef il-ħeġġa bil-mod il-mod)*

Jien... l-ewwel pass 'il quddiem...

ID-DAQQ TA' TRUMBETTI JAGĦTIH IS-SINJAL BIEX JIMXI.

**SULDAT ISWED**

Le! Stennew! Stennew ftit!...

**SULDAT ABJAD**

X'ġara? Qed jistennewk timxi.

**SULDAT ISWED**

Ma nistax! Mhux hekk - mhux issa! Jekk imexxuni issa - jekk nimxi niġi... hemm! Ħdejk!

**SULDAT ABJAD**

B'daqshekk?

**SULDAT ISWED**

Ħdejk - quddiem iċ-ċangatura ta' ħdejk! U hemm - malli jmexxu tagħkom - jistgħu jmexxu lilek fuqi - u taqlagħni 'l barra! Qed tifhem!

**SULDAT ABJAD**

Bdejt nifhem. Tkun l-aħħar ċaqliqa tiegħek jiġifieri...

**SULDAT ISWED**

L-ewwel... u l-aħħar! Dejjem hekk jagħmluli!

**SULDAT ABJAD**

Imma x'jimporta wara kollox? Xi darba trid tmut. Teħles qabel anzi...

**SULDAT ISWED**

Imma mhux hekk! Naħli l-ħin kollu nistenna li nimxi biex imbagħad nagħmel biss pass wieħed - wieħed biss! - u nsib ruħi barra!

**SULDAT ABJAD**

Imma jkollok timxi fejn qalulek issa. Bilfors.

**SULDAT ISWED**

Għaliex bilfors? Le. jien m'iniex se nimxilhom minn hawn!

**SULDAT ABJAD**

X'int tgħid? Attent li ma jisimgħukx.

**SULDAT ISWED**

Jisimgħuni! Jien mhux se niċċaqlaq!

**SULDAT ABJAD**

Tgħajjatx iblah!

**SULDAT ISWED**

Ngħajjat irrid! Irridhom jisimgħuni - irrid li kulħadd jismagħni! Iva - jien m'iniex se niċċaqlaq minn hawn qabel jisimgħuni! Nitlob ġustizzja!

**SULDAT ABJAD**

Iskot! Agħmel kif qalulek qabel ikun tard wisq! Obdi!

**SULDAT ISWED**

Le! Irrid ġustizzja - inkella ma niċċaqlaqx minn hawn!

**SULDAT ABJAD**

Se tipparalizza l-logħba! Obdi!

**SULDAT ISWED**

Le!

TEXTIX FUQ IL-LOUDSPEAKER, XI KLIEM, IMMA MA JINSTEMA' XEJN ĊAR.

**SULDAT ABJAD**

X'se jigri? X'se jiġri issa!

FANFARA TA' TRUMBETTA.

**SULDAT ABJAD**

Rajtx! Ħażin għalik issa.

**SULDAT ISWED**

Xi tridhom jagħmluli? Ma jistgħu jagħmluli xejn!... X'jistgħu jagħmluli?

**LEĦEN FUQ LOUSPEAKER**

Attenzjoni! Attenzjoni! Ċaqliqa numru 80. Jetux!... Attenzjoni! Nikkoreġu ċaqliqa numru 80. Nikkoreġu: Suldat Iswed fuq 7F ma jimxix fuq 6F.

GĦAGĦA TAL-FOLLA.

**SULDAT ISWED**

Smajt! Ma nimxix! Semgħuni! Taw kasi! Se jibdlu kollox!

**LEĦEN FUQ LOUSPEAKER**

Nikkoreġu. Minflok: ċaqliqa numru 80, 81, Suldat Iswed fuq 7F jimxi fuq 5F, Nirrepetu : 7F jimxi fuq 5F.

**SULDAT ISWED**

Qed tisma'! Se jmexxuni żewġ passi flok wieħed! Hekk ma niġix fiċ-ċangatura quddiem ta' ħdejk - niġi ħdejk preċiż. Ma tkunx tista' taqlagħni barra minn hemm!

**SULDAT ABJAD**

Ma nafx. Getux getux xejn! Qatt ma ġrat li kkoreġew ruħhom...

**SULDAT ISWED**

Nista' nimxi żewġ passi flok wieħed. Din għada l-ewwel ċaqliqa tiegħi; nista' skont ir-regolament!

**SULDAT ABJAD**

Getux - Dawn x'affarijiet huma! Ċaqliqa tmenin, wieħed u tmenin!.. Jew tmenin jew wieħed u tmenin!

**SULDAT ISWED**

Semgħuni imma! Trid turihom li tieħu interess - turihom li m'intix se tħallihom...

**LEĦEN FUQ LOUDSPEAKER**

Suldat Iswed fuq 7F - jimxi!!

**SULDAT ISWED**

Iva, dażgur! Issa nimxi, mela le! Nimxi, Sur Monsijnur! Arawni!

ŻAQŻIQ TAL-KORAZZA - METAL IŻAQŻAQ U JĊAQĊAQ HEKK KIF JIMXI.

XI ĊAPĊIP TAL-FOLLA, IMMA STORBJU IEĦOR UKOLL - XI TISFIR. XI ĦADD JIDĦAK.

**SULDAT ABJAD**
*(viċin)*

Din fejn smajnieha? Se nwaqqgħu kollox għaż-żuffjett. Ismagħħom x'jiddieħqu!

**SULDAT ISWED**
*(viċin)*

Ħallihom. L-aqwa li wrejthom li mhux se nħallihom jagħtuni bis-sieq.

L-GĦAGĦA TAL-FOLLA M'HEMMX LI JONQOS.

**LEĦEN FUQ LOUDSPEAKER**

Silenzju! Nitolbu l-pubbliku jżomm is-skiet! *(aħrax)* Silenzju!

ĦSEJJES 'IL BOGĦOD TA' SPARATURI - MUSKETTERIJA RAPIDA U QASIRA.

SKIET.

**SULDAT ABJAD**

Issa tara. Ħażin se tispiċċa. Ħażin.

DAQQ TA' TANBUR - IMMA MOTA KIEBJA.

**KUMMENTATUR**

Ir-Raba': "En Passant" - jew inkella - Ferħa bla Temma.

PAWSA.

IR-RIĦ. ĦSEJJES TA' DBIEBEN / ŻANŻIN TA' XI NEMUSA MINN ĦIN GĦALL-IEĦOR

**SULDAT ABJAD**
*(igerger waħdu)*

...Se tispiċċa ħażin. Jekk iħallu Sempliċi Suldat jagħmel

ta' rasu, ma nispiċċaw qatt. Għalfejn qegħdin hemm huma mela?

**SULDAT ISWED**

X'jiġifieri? M'għandux ikollok ftit dinjità?...

**SULDAT ABJAD**

Dinjità! Dinjità tittallab biex ma jmexxukx fejn iridu huma? Int tpaxxihom qiegħed.

**SULDAT ISWED**

Rajt imma? Meta mexxewni ma sejħulix "Pedina Sempliċi Suldat"! Suldat Iswed sejħuni! *(b'disprezz)* Mhux Pedina Sempliċi Suldat!

**SULDAT ABJAD**

U issa? B'daqshekk? Taħseb li issa tinsab aħjar minn qabel?

**SULDAT ISWED**

Imma int tal-anqas minn hawn ma tistax taqlagħni barra! Mhux int, Pedina Sempliċi Suldat Iswed! Hemm ir-regolamenti. Qas huma ma jistgħu jmorru kontra r-regolamenti!

**SULDAT ABJAD**

Kontrihom le. Imma jistgħu jużawhom.

**SULDAT ISWED**

X'jiġifieri?

**SULDAT ABJAD**

Jafu jużawhom. Jafuhom aħjar minnek. Jafu jsibu mezz kif jiġġildulek mingħajr ma jiksru... r-Regolamenti! — Għadek ma ntbaħtx?

**SULDAT ISWED**

Intbaħt? Xiex?

**SULDAT ABJAD**

"En Passant".

PAWSA QASIRA. UKOLL IR-RIĦ SIKET.

**SULDAT ISWED**

X'jiġifieri?

**SULDAT ABJAD**

"En Passant".

**SULDAT ISWED**

X'int tgħid?!

**SULDAT ABJAD**

Il-qagħda ġdida tiegħi: "En Passant". Hekk isejħulha.

**SULDAT ISWED**

X'int tgħid? M'iniex nifhem. Minn hawn hekk jew hekk ma jistgħux jaqlgħuni barra...

**SULDAT ABJAD**
*(pront)*

Jistgħu. (*kantaliena - jikkwota regolament)* Meta Pedina-Suldat timxi l-ewwel darba u jintuża d-dritt li timxi żewġ passi flok wieħed, l-avversarju, jekk ikollu pedina biswit il-qagħda ġdida ta' dak li mexxa qablu, jista' jekk irid imexxi l-Pedina-Suldat tiegħu biex jaqla' barra...

**SULDAT ISWED**

Le, ma jistax!

**SULDAT ABJAD**

...lil dak tal-avversarju. Jista'. Qed ngħidlek. "En Passant". Dik ir-regola.

**SULDAT ISWED**

Le!...

**SULDAT ABJAD**

Dak ...ir-Regolament!

**SULDAT ISWED**

Ma jistax, le...*(jieqaf)*.

**SULDAT ABJAD**

Bdejt tiftakar.

**SULDAT ISWED**

Le... — Kont insejt. Tgħallimthom bl-amment żmien ilu r-regolamenti. Kont insejt. Jiġifieri issa... jekk il-Bojod issa jmexxu lilek xorta tista' taqlagħni barra...

**SULDAT ABJAD**

Huma, mhux jien. Huma jaqlgħuk.

**SULDAT ISWED**

Huma.

**SULDAT ABJAD**

Daħku bik.

**SULDAT ISWED**

Qarrqu bija.Taparsi semgħu minni u qarrqu bija. Stajt bqajt fejn kont mela! Issa jmexxu lilek fuqi u jaqlgħuni barra xorta!

**SULDAT ABJAD**

Jistgħu jagħżlu li għal did-darba jeħilsuhielek...

**SULDAT ISWED**

Le. Le. Naf x'se jagħmlu...

**SULDAT ABJAD**

...Il-logħba tal-qattus u l-ġurdiem.

**SULDAT ISWED**

...Naf! Issa jkunu jridu jpattuhieli! Lilek imexxu u jien

insib ruħi barra. Kull logħba hekk. L-ewwel iħalluni salaħħar, jittamawni li dalwaqt imexxu lili biex imbagħad meta jmexxuni - imexxuni dritt għal ġo xi nasba jew oħra u ninqala' barra - pass wieħed u barra! Dejjem! Imma għaliex? Għaliex dejjem jagħmluli hekk? *(jgħajjat)* X'għamiltilkom qatt jien? Mela aħjar iħalluni barra mill-ewwel, mela! Aħjar ma jilagħbuni xejn! Imma mhux hekk għid?

**SULDAT ABJAD**

Int se tkompli tpaxxihom? Int wara kollox għax tagħmilha ta' voluntier?...

**SULDAT ISWED**

Jien voluntier?!...

**SULDAT ABJAD**

....Meta toqrob logħba jmissek tiskarta jew taħrab.

**SULDAT ISWED**

...Jien bilfors ikaxkruni hawn lili! Bilfors! Taħseb li gost tiegħi hawn? Nipprova niskarta jien, nistaħba wara sħabi. Imma dejjem isibuni u jkaxkruni hawn, f'dal-misraħ. Illibbsuni dal-ħwejjeġ, din il-korazza tal-ħadid u jitilquni fuq din iċ-ċangatura - waħdi – u jibda l-martirju. Għallbidu ngħid ma rridx nagħti kas - nistenna l-ħin jgħaddi sad-dlam u nitlaq - jirbaħ min jirbaħ. Iżda mbagħad mingħajr ma rrid nibda ninteressa ruħi - insegwi ċ-ċaqliqiet, nistħajjel fuq liema pjan qed imexxu tagħna, x'jistgħu jagħmlu tagħna u x'jistgħu jagħmlu l-oħrajn... u x'nista' nagħmel jien did-darba ... jien - kieku jtuni ċans! Imma l-ħin dejjem għaddej - tmiem il-Logħba dejjem joqrob sakemm sa fl-aħħar nismagħhom isejħuli biex nimxi. Nimxi - jien! Ferħan nagħti pass 'il quddiem... U hemm int! Tard wisq nintebaħ li diġà hemm min lest jaqlagħni 'l barra! Kollox għalxejn!

**SULDAT ABJAD**

Hekk jiġri lil kulħadd...

**SULDAT ISWED**

Le, mhux lil kulħadd! Nieħdu s-Sultan u r-Reġina - dawk mhux dejjem minn tal-aħħar jinqalgħu barra?

**SULDAT ABJAD**

Imma r-responsabbiltà - ir-Responsabbiltà! Kemm hija kbira tagħhom! Jafu li malli jispiċċaw huma, jispiċċa kulħadd - tispiċċa l-Logħba - jispiċċa kollox!

**SULDAT ISWED**

Imma tal-anqas jafu li dak li qed jagħmlu jiswa xi ħaġa. Għandhom sodisfazzjon. Mhux jinħlew fix-xejn...

**SULDAT ABJAD**

Bħalek. U bħali. Imma jien ma ninkeddx għalija wara kollox. Għalfejn tinkedd, toqgħod tpaxxihom?...

**SULDAT ISWED**

Iva, tpaxxihom... Dak biss taf tgħid int!... Iva, iva - issa tgħid hekk imma. Ħalli tkompli tiġi hawn wisq aktar - ħalli l-istorja tkompli ttenni ruħha logħba wara logħba - elf darb'oħra. Għomrok kollu! Imbagħad - imbagħad tinkedd - imbagħad tinkedd u titbellah! Ma jimpurtakx intix tpaxxihom jew le mbagħad. Jimpurtak biss li forsi xi darba xi ħadd jindenja ruħu jinduna bik, jiftakar li int - Sempliċi Suldat - Iswed jew Abjad - int ukoll trid min jagħti kasek - trid li ma ssibx ruħek barra mil-Logħba bla ma tkun ħadt imqar sehem żgħir fiha. Titkarrab, iva - tittallab u tgħaffeġ taħt saqajk id-dinjità - il-ftit dinjità! - il-ftit rispett li forsi huma jkunu ħallewlek - u titkarrab u titbellah imbagħad!

**SULDAT ABJAD**

Imma x'jiswa? Min taħseb se jagħti kas?...

**SULDAT ISWED**

U toqgħodx tgħidli! Tgħidlix li int ma ġbartx bewl u

ħara minn warajhom - int ukoll! Int li ilek iddur - int li dort u mxejt daqskemm tippretendi li dort u mxejt! Mgħobbi bil-ħara u l-bewl tagħhom, int ukoll! Mela tiġix tgħidli lili int!

**SULDAT ABJAD**
*(iċapċap - sarkastiku)*

Bravo! Bravissimo! Sfugajt biżżejjed? Taħseb li xi ħadd ta kasek issa? Kuntent issa?

**SULDAT ISWED**

Illum, ftit ilu, taw kasi...

**SULDAT ABJAD**

U x'ħadt? Taparsi semgħuk. Imma l-qagħda baqgħet l-istess...

**SULDAT ISWED**

"En Passant"...

**SULDAT ABJAD**

Tistenna minn ħin għal ieħor li jaqilgħuk 'il barra...

**SULDAT ISWED**

Bħal dejjem.

**SULDAT ABJAD**

Bħal dejjem.

**SULDAT ISWED**

U meta jeħilsuhielek - jekk jeħilsuhielek - tikkonferma biss li wara kollox int m'int xejn - anqas importanti biżżejjed biex jaħlu ċaqliqa oħra fuqek. Għalhekk biss. Jekk jeħilsuhielek.

**SULDAT ABJAD**

Għalhekk biss.

**SULDAT ISWED**

Għalhekk biss... Imma ma jimpurtanix! Ma rridx ninqala' barra! Ma rridx, qed tisimgħuni? Nitlobkom!...

ĦOSS TAL-ĦADID TAL-KORAZZA HEKK KIF JINXTEĦET GĦARKUPPTEJH.

**SULDAT ISWED**
*(ikompli)*

Ħniena! Arawni għarkupptejja! Aħfruli - did-darba biss! Eħilsuhieli! Ħniena! L-aħħar darba din li nitlobkom ħniena!...

**SULDAT ABJAD**

Iblah. Qum minn hemm! Min jagħti kasek?

**SULDAT ISWED**

...Noqgħod hawn, sieket, ma nitħarrikx, ma niftaħx fommi. Niġbor il-ħmieġ taż-żwiemel, nixxotta l-bewl saħansitra... Ħalli ma tmexxunix - iżda taqilgħunix barra, nitlobkom! Jiena l-iżgħar fost iż-żgħar, suldat xiħ, għajjien, bilkemm niflaħ nitħarrek - kif nista' ntellifkom jien?!

FANFARA TA' TRUMBETTA. GĦAGĦA TAL-FOLLA.

**SULDAT ABJAD**

Hemm int! Issa tara kemm se jagħtu kasek bit-tinwiħ tiegħek kollu!

**SULDAT ISWED**

Jagħtu kasi iva! Jeħtieġ li jagħtu kasi!

IQUM BILWIEQFA:

ĦSEJJES TAL-KORAZZA HEKK KIF IQUM FUQ SAQAJH.

**SULDAT ISWED**

...Isimgħuni!... ISIMGĦUNI!

ĦOSS TA' XABLA TVENVEN, TINSTILET MINN ĠO L-GĦANT

**SULDAT ISWED**

...Erġgħu aħsbuha! Il-pedini l-oħra kollha mxew aktar minni. Hemm il-Kavallier - it-Torri - ir-Re u r-Reġina!... jekk għandkom il-ħila aqilgħu lil xi ħadd minnhom! Jekk taqilgħu lili tkunu ġwejjef! Beżżiegħa! Ġwejjef l'intom!

**SULDAT ABJAD**

Iskot! Attent! Qed iżżomm il-logħob!

**SULDAT ISWED**

Ġwejjef! Ilkoll li intom! Ilkoll! Imma daqshekk! Qed tisimgħuni! Daqshekk! Daqshekk baxxejt rasi - daqshekk voluntier! U daqshekk ġbart il-...il-ħmieġ tagħkom!

**SULDAT ABJAD**
*(taħt l-ilsien)*

Il-ħara!...

**SULDAT ISWED**

Il-ħmieġ... Xiex? Il-ħara! Il-ħara tagħkom u l-...

**SULDAT ABJAD**
*(l-istess)*

...U l-bewl!

**SULDAT ISWED**

Il-bewl u l-ħara tagħkom! Le - daqshekk!

FANFARA QAWWIJA TA' TRUMBETTA.

TEXTIX ITARRAX FUQ IL-LOUDSPEAKER.

**SULDAT ISWED**
*(imwerwer)*

Le - aħfruli! X'jien ngħid? Ma nafx x'jien ngħid! Aħfruli

- Ħtija tiegħi!

JARMI X-XABLA - ĦOSS JIDWI TA' ĦADID FUQ MADUM.

**SULDAT ISWED**
*(ikompli)*

...Ħtija tiegħi - iva. Kollox ħtija tiegħi! Aħfruli! *(jitkarrab)* Jaħasra jien semplici suldat xiħ - għajjien. Dejjem obdejt - dejjem għamilt kif għedtuli. Baxxejt rasi dejjem. Taqilgħunix barra...*(il-krib ta' leħnu jibda jitbaxxa sa ma jispiċċa fix-xejn)* Qatt ma gergirt qabel. Taqilgħunix barra. Jien sempliċi suldat xiħ, sempliċi suldat...

SKIET.

DAQQ TA' TANBUR.

**KUMMENTATUR**

Il-Ħames: Xaħmet il-lejl.

IL-WESGĦA ISSA TINSAB FID-DLAM. IL-LOUDSPEAKERS ILHOM MA JINSTEMGĦU.

IL-FOLLA SIKTET.

RIĦ JONFOĦ.

MATUL IX-XENA JINSTEMGĦU KULTANT XI ĦSEJJES TA' PROGRAMMI POPOLARI TAT-TELEVIXIN.

SIGNATURE TUNES TAL-AĦBARIJIET:
TMIEM XI TELEGIORNALE - CNN - L-INNU MALTI; GĦELUQ TAL-ISTAZZJON, EĊĊ.

**SULDAT ISWED**
*(jokrob)*

...M'għamilt deni lil ħadd. Aħfruli. Sempliċi suldat -

għajjien - sempliċi...

**SULDAT ABJAD**

Qum minn hemm.

**SULDAT ISWED**

X'ġara? Min hemm?

**SULDAT ABJAD**

Waqa' l-lejl.

**SULDAT ISWED**

Int? Għadna hawn mela? Kemm għadda ħin?

**SULDAT ABJAD**

Ħafna.

**SULDAT ISWED**

Fejn int?

**SULDAT**

Fejn kont qabel. Kollox għadu kif kien.

**SULDAT ISWED**

Għaliex? Lil min mexxew?

**SULDAT ABJAD**

Lil ħadd.

**SULDAT ISWED**

X'qed jistennew? — Kemm għadda ħin?

**SULDAT ABJAD**

Ma nafx. Dalam f'daqqa. Naħseb li marret għajni bija.

**SULDAT ISWED**

U lilna ħallewna hawn.

**SULDAT ABJAD**

Hawn. Bilwieqfa. Insewna forsi...

**SULDAT ABJAD**

Il-Logħba wieqfa.

**SULDAT ISWED**

Issospendew kollox. Naħseb... *(jieqaf)* Ikompluha għada forsi...

**SULDAT ABJAD**

Itemmuha għada. Forsi...

**SULDAT ISWED**

X'nagħmlu - immorru?

**SULDAT ISWED**

Fejn? U l-oħrajn? Il-pedini l-oħrajn fejnhom?

**SULDAT ABJAD**

Ma jidhrux. Id-dlam. Forsi għadhom hemm huma wkoll. Jistennew.

**SULDAT ISWED**

Il-folla marret iżda.

**SULDAT ABJAD**

M'hawnx ħosshom.

**SULDAT ISWED**
*(jirtogħod)*

Il-bard!... Imma lilna - kif ma jgħidulna xejn lilna? Tgħid dawk li jmexxu marru wkoll?

**SULDAT ABJAD**

M'hawnx ħosshom.

**SULDAT ISWED**

Qed jaħsbu f'xi pjan. Iħabblu moħħhom kif se joħorġu

min-nasbiet li daħlu u tħabblu fihom...

**SULDAT ABJAD**

Li daħħlu lilna fihom!

BUFFURA RIĦ. SERDUK JIDDEN 'IL BOGĦOD.

**SULDAT ISWED**

Smajt?! — Dak il-ħoss!... Deherli li smajt xi ħadd - jidħak.

**SULDAT ABJAD**

Ma smajtx. Ma nafx.

**SULDAT ISWED**
*(jirtogħod aktar)*

Smajt sewwa jien iżda. Naħseb - naħseb li hemm għadhom. Kulħadd hemm għadu! Kulħadd. Jistennew ilkoll, siekta, fid-dlam. - Ukoll il-kameras tat-televixin għadhom jaħdmu!

**SULDAT ABJAD**

Dal-ħin?

**SULDAT ISWED**

M'hemmx ħin. Il-ħin - iż-żmien - waqaf. — Hemm fuq - ħares. Il-kwiekeb!

**SULDAT ABJAD**

Ma nistax inħares 'il fuq. Dan l-elmu jilwili għonqi.

**SULDAT ISWED**

Neħħih! Ħares!

**SULDAT ABJAD**

Le. — X'int tara?

**SULDAT ISWED**

Il-kwiekeb. Miljuni!

**SULDAT ABJAD**

Jidhru?

**SULDAT ISWED**

Hemm! U hemm - u hemm!... Iżda ara - m'għadhomx iteptpu, intbaħt? Waqfu. Qed jistennew.

**SULDAT ABJAD**

Huma wkoll?

**SULDAT ISWED**

Imma l-kameras - it-televixins għadhom mixgħula!

**SULDAT ABJAD**

U l-istampa - il-monitors - x'juru? Id-dehra li jagħtu, kif inhi?

**SULDAT ISWED**

Sewda. Battala.

**SULDAT ABJAD**

Mitfijin forsi...

**SULDAT ISWED**

Le. Mixgħula. Il-kurrent għadu għaddej - l-arloġġi jduru żugraga mejt - is-sets għandhom sħan - jaħarqu nar!

**SULDAT ABJAD**

Imma l-istampa!?...

**SULDAT ISWED**
*(kiebi)*

Sewda. Bla ħoss. Kollox wieqaf. Imma... kulħadd għadu quddiemhom. Il-kotra... M'intix tħossu l-ħars tagħhom fuqek?

**SULDAT ABJAD**

Fuqek. Jien m'għamilt xejn biex iħarsu lejja.

**SULDAT ISWED**

U jien mela - jien x'għamilt? Xejn! Xejn qatt ma ħallewni nagħmel lili!

**SULDAT ABJAD**

Kollu ħtija tiegħek.

**SULDAT ISWED**

Xi ħtija?

**SULDAT ABJAD**

Tiegħek. Kieku bħalissa l-logħba spiċċat– tlaqna lura mnejn ġejna. Mhux għadna hawn, niżel il-lejl, dalam, u għadna hawn.

**SULDAT ISWED**

Imma aħseb ftit! Trid tmur lura mnejn ġejt meta taf li għadek m'għamilt xejn? Tmur lura bla qatt urejt ħiltek?

**SULDAT ABJAD**

Liema ħila?

**SULDAT ABJAD**

Qed tara?! Qas biss il-ħila tiegħek - il-potenzjalità tiegħek ma tagħraf! U għaliex? Għax huma jagħmlu kollox għalik - imexxuk hawn u jmexxuk hemm bla ma jtuk l-opportunità tagħmel xi ħaġa minn rajk. Għalhekk. U aħna lkoll fin-nofs bla nafu l-għala ta' xejn. Għalfejn qed imexxuna, eh? X'qegħdin nagħmlu hawn aħna issa? Dak li rrid naf - x'aħna nagħmlu?

**SULDAT ABJAD**

Waħedna ma naslu mkien. Inbaxxu rasna...

**SULDAT ISWED**

...U nobdu! Inbaxxu rasna u nobdu! Hekk– bl-amment! Bla ma nafu l-kif u l-għaliex? U lil min! Lil min!! Min qed

imexxina? Nafu min huma? Le... Min hemm fit-Torri, jgħasses fuqna?... Min wara l-maskra tal-kavallier?.. U r-Reġina... min hi? Qatt rajtha int?...

**SULDAT ABJAD**

Le... *(kantaliena)* Salv, int qatt rajt lir-Reġina?...

**SULDAT ISWED**

U s-Sultan? Min hu... U l-oħrajn?

**SULDAT ABJAD**

...Le Ġann, qatt ma rajt lir-Reġina... Le.

**SULDAT ISWED**

Le! Ma tafx!

**SULDAT ABJAD**

Min jaf x'ferħ u...

**SULDAT ISWED**
*(tisbita bix-xabla fuq tarka)*

Aqtagħha! *(pawsa - skiet)* Le! Buffu! Le, ma taf xejn lanqas int. Ħadd ma jaf. La rajt Re int, u la rajt Reġina... Xejn ma rajt, lanqas int! Ammettiha!

**SULDAT ABJAD**

Xejn. — Smajt... — Kulma smajt... *(meta ma jinterrompihx)* Darba smajt...

**SULDAT ISWED**

Xiex?

**SULDAT ABJAD**

Xejn.

**SULDAT ISWED**

Smajt xiex? Darba smajt xiex?

**SULDAT ABJAD**

Xejn qed ngħidlek. Darba smajt… Jgħidu li kien hemm żmien meta l-Isqof kien Buffu.

**SULDAT ISWED**

L-isqof?… L-Isqof!

**SULDAT ABJAD**

Żmien ilu ta! Medjuevu qed ngħidu! Meta l-Buffu, dak iż-żmenijiet, kien l-eqreb tas-Sultan!

**SULDAT ISWED**

Jiġifieri… il-Buffu sar Isqof?

**SULDAT ABJAD**

Jew l-Isqof kien Buffu! Ma nafx…Imma ilu ta! Eeh! Ilu!…

**SULDAT ISWED**

Le - hekk mhux biżżejjed! Hekk ma nistax inkompli jien! M'iniex bi ħsiebi nkompli!

**SULDAT ABJAD**

Lanqas kieku trid ma tista' issa. Mhux biżżejjed qlajt għawġ; xi trid tagħmel aktar?

**SULDAT ISWED**

Jeħtieġ li ssir bidla. Bħal qabel ma nistgħux inkomplu. Daqshekk! *(jgħajjat)* Qed tisimgħuni? Intom, Suwed u Bojod hemm fuq, misturin fid-dlam, tħarsu lejna u tissemmgħu - intom li qegħdin hemm biex tikkmandaw biss - jien ngħidilkom li daqshekk għamilna! M'aħniex bi ħsiebna nkomplu nobdu bil-għama. Irridu sehem aħjar fil-Logħba - irridu nkunu nafu bil-pjanijiet minn qabel! Irridu aktar rispett - aktar dinjità! Irridu għan!

**SULDAT ABJAD**

Iskot! M'intix tara fiex ġibtna bid-dinjità tiegħek kollha!

**SULDAT ISWED**

...Daqshekk! Jeħtieġ li ssir bidla! Aħna rridu!...

**SULDAT ABJAD**

Le - jien le! Jien ma rrid xejn! Isimgħu lili! Jien m'għandix x'naqsam miegħu! Jien nobdi - nibqa' nobdi sal-mewt!...

**SULDAT ISWED**

Ġifa! Int diġà mejjet! Beżżiegħi!

IKOMPLU FLIMKIEN, WIEĦED JIPPROVA JITFI KLIEM L-IEĦOR, SA MA T-TNEJN JISPIĊĊAW JITTALLBU FLIMKIEN "...ISIMGĦUNI!"

**SULDAT ABJAD**

Nobdi! Inbaxxi rasi u nobdi! Qed tisimgħuni? Nistqarr quddiem kulħadd: jien nobdi! Irrikordjaw kliemi! Jien - Sempliċi Suldat Abjad fuq ċangatura 5E nistqarr li m'għandi x'naqsam xejn ma' dan ix-xewwiexi! Ftakru - m'għandi x'naqsam xejn miegħu!! Nitlobkom - isimgħuni!...

**SULDAT ISWED**

...Jien ma nibżax imma! Jien għadni ħaj u nitlob spjegazzjoni! Irrid naf b'liema dritt intom tinsabu hemm fuq u titolbu sottomissjoni mingħandna - b'liema jedd tikkmandawna!? Iva, jien ħaj u nitlob spjegazzjoni! Irrid naf!... Qed tisimgħuni?!..

PAWSA.

EBDA TWEĠIBA GĦAJR ID-DIWI TA' LEĦINHOM JITKARKAR MAR-RIĦ.

SERDUK JERĠA' JIDDEN.

**SULDAT ISWED**
*(daħka ħarxa)*

Boloh! Boloh it-tnejn li aħna! M'hemm ħadd jismagħna.

**SULDAT ABJAD**

Irid ikun hemm. Il-folla...

**SULDAT ISWED**

Telqu wkoll. M'hemm ħadd.

**SULDAT ABJAD**

Ukoll... M'għoġbithomx dit-taħwida kollha... Dal-kaos!

**SULDAT ISWED**

U aħna bqajna hawn, biex inkomplu nissieltu f'dil-logħba li ħadd ma jrid jara. Ħallewna waħedna! *(iwerżaq)* Eli, Eli, lama sabachtani?!

IR-RIĦ IMHERWEL.
TPERPIR TA' BNADAR SFRENATI.

**SULDAT ABJAD**

Ħtija tiegħek. Ksirt ir-regolamenti. Għajjatt, bkejt u ttallabt. Fixkilt il-logħob u ħawwadt l-imħuħ! Ħtija tiegħek! Kollox waqaf - minħabba fik!

**SULDAT ISWED**

Min jgħidlek li mhux se jkomplu? Qed jistennew is-sebħ, dak kollox...

**SULDAT ABJAD**

U l-floodlights - id-dwal artifiċjali? Għaliex ma xegħlux il-floodlights jekk riedu jkomplu?

**SULDAT ISWED**

Ikomplu, issa tara. Qed jistennew żerniq ġdid - jaħsbu pjanijiet ġodda - strateġija biex jikkuntentaw lil kulħadd.

**SULDAT ABJAD**

Ma jistax ikun. Hemm ir-regolament, insejt?

**SULDAT ISWED**

Jibdluh.

**SULDAT ABJAD**

Tard wisq. Aktar tikber il-konfużjoni kieku. Kulħadd dara l-parti tiegħu. Taħseb li r-Rejiet, l-Irġejjen, l-Isqfijiet jew xi ħadd mill-oħrajn li huwa aqwa minnha lest iċedi xiber poter... għalik? Minħabba fik? Le. Aqta' jiesek. Ir-regolamenti ma jinbidlux minħabba xi ħadd bħalna.

**SULDAT ISWED**

Iżda issa jkollhom jibdluhom! Jew jibdluhom jew il-Logħba ma titkompliex!

**SULDAT ABJAD**

Titkompla. Jew jibdew oħra. Imma r-regolamenti ma jinbidlux.

**SULDAT ISWED**

Kif jistgħu ma jinbidlux?...

**SULDAT ABJAD**

Kif jistgħu jinbidlu?

**SULDAT ISWED**

Inġagħluhom aħna! Jekk inżommu iebes - jekk ħadd minna ma jiċċaqlaq minn hawn nipparalizzaw kollox. Ikollhom jagħmlu l-kontijiet miegħi - magħna lkoll! Did-darba jkollhom jagħtu kas tagħna!

**SULDAT ABJAD**

Tagħkom min?

**SULDAT ISWED**

Tagħna - Aħna! Jien u int! U l-oħrajn kollha! Jien qed nissielet għad-drittijiet tagħna lkoll. Sakemm hawn jien

il-Logħba ma titkompliex.

**SULDAT ABJAD**

Sakemm hawn int.

**SULDAT ISWED**

X'jiġifieri? Jien hawn se nibqa'. Nissielet sal-aħħar!

**SULDAT ABJAD**

Sakemm iħalluk.

**SULDAT ISWED**

Ikollhom iħalluni! Jagħmluli x'jagħmluli mhux se nħallihom idawruni.

**SULDAT ABJAD**

Lili żgur ma se jagħmlu xejn. Jien m'għamilt xejn.

**SULDAT ISWED**

Iblah! Bik jagħmlu li jridu - kif dejjem għamlu. Bija le imma. Urejthom xi nsarraf jien. Xejn ma jistgħu jagħmluli lili! Xejn li xejn.

DAQQ TA' TANBUR.

**KUMMENTATUR**

Is-Sitt Stazzjon. Tempo. L-eqqel tal-lejl. Żerniq ġdid mistenni.

SERDUK JIDDEN FIL-QRIB.

**SULDAT ISWED**

Ma jdumx ma jisbaħ.

**SULDAT ABJAD**

Idum. Orqod. Jekk torqod jisbaħ aktar malajr.

**SULDAT ISWED**

Ma rridx norqod. Ili għomri kollu rieqed, Din l-ewwel

għodwa ta' ħajti li se nara. Irrid inkun imqajjem meta titla' x-xemx. Irrid nara kollox - nisma' kollox - induq kollox. Għada se nitwieled mill-gdid.

**SULDAT ABJAD**

Jien se nipprova.

**SULDAT ISWED**

Titwieled mill-gdid?...

**SULDAT ABJAD**

Norqod. Twelidt darba kien biżżejjed.

**SULDAT ISWED**

Qed tibża'. Beżżiegħ... Ħallejthom jirbħuk.

**SULDAT ABJAD**

Norqod. Mhix ħaġa ħafifa torqod bilwieqfa b'dal-ħadid madwar għonqok u qaddek. Iżda tidra wkoll biż-żmien. U tidra ż-żmien. Kien hemm żmien kont ngħodd in-nagħaġ biex norqod. Ġie żmien u qerdu l-ħaxix u ksew il-mergħa bil-konkrit u qatlu kull nagħġa. U la nista' nġib quddiem għajnejna kif kienu n-nagħag ta' dari u lanqas kif nisthajjel in-nagħaġ m'għadni niftakar. Insejt kollox. Nisma', imma ninsa - ngħodd kemm idden is-serduk imperreċ hemm fuq f'ras it-Torri. Naf li hemm fuq qiegħed. Dejjem jgħassisli. Min-naħa l-oħra, ma tistax tgħid ngħodd l-istilel hemm fuq biex norqod. Dan l-elmu tqil wisq - kont kieku ngħolli ħarsti lejn is-sema, ngħodd il-kwiekeb biex tal-anqas norqod.

**SULDAT ISWED**

Inża' l-elmu.

**SULDAT ABJAD**

Hekk jew hekk... Wara ftit torqod bla ma tkun taf.

**SULDAT ISWED**

Tibża' - tibża' li jarawk. Ukoll fid-dlam tibża'. Tassew li għalik m'hemmx tama, ħabib. Ma jimpurtax.

Ngħoddhomlok jien il-kwiekeb.

**SULDAT ABJAD**

Min jaf x'hemm tal-kwiekeb.

**SULDAT ISWED**

Bosta. Miljuni.

**SULDAT ABJAD**

Bosta. Biżżejjed biex norqod.

**SULDAT ISWED**

Orqod. Jiena ngħodd. Ħafif li tgħoddhom dan il-lejl. Kollox jidher ċar f'daqqa waħda. Ebda dubji. Xejn biża'. Ngħoddhom mela. Waħda, tnejn, tlieta, erbgħa...

**SULDAT ABJAD**

Taħseb li għalhekk inħolqu l-kwiekeb? Biex wieħed jorqod?

**SULDAT ABJAD**

Naħseb... Iva naħseb. Għal xi wħud. Ukoll l-Univers, sa fl-aħħar jagħmel sens... Ħamsa, sitta, sebgħa... Taf x'kostellazzjoni hi dik? Qisha tal-Granċ... X'taħseb?... Tmienja disgħa, għaxra, ħdax... Hemm tnax-il kostellazzjoni taż-Żodjaku, kont taf? Irrid ngħid tnax li minnhom tgħaddi x-xemx matul is-sena,. B'kollox hemm tmienja u sittin-il kostellazzjoni. Tnax biss taż-Żodjaku iżda. Hemm il-kaprikornu, il-bodbod, ġemini, it-tewmin, l-iljun...*(leħnu jitbiegħed - jidwi)* L-iskorpjun, l-imqass, l-iljun, is-serp, l-ajkla, is-serp...l-ajkla... *(leħnu jintilef fix-xejn)*

SKIET.

**KUMMENTATUR**

Is-Seba' Stazzjon: Sortez les Pièces. Żerniq ieħor. L-aħħar

wieħed.

FANFARA TA' TRUMBETTA.

**SULDAT ISWED**
*(iqum maħsud)*

X'ġara!? X'kien dak il-ħoss?...

**SULDAT ABJAD**
*(ilu li qam)*

Qed jisbaħ, ħares.

**SULDAT ISWED**
*(mirżuħ)*

Tassew; iż-żerniq. Arani x'negħreq. X'kien dak il-ħoss?

**SULDAT ABJAD**
*(rassenjat)*

Se jkomplu l-Logħba.

**SULDAT ISWED**

Se jkomplu... Iva - niftakar! Irqadt. Ħsibt li kienet biss ħolma kerha - ħmar il-lejl.

**SULDAT ABJAD**
*(għajjien)*

Se jkomplu.

**SULDAT ISWED**

Ma tliftux iż-żerniq imma! Dak l-aqwa. Dalwaqt jistenbaħ kulħadd. Sa fl-aħħar. Issa naraw x'se jagħmlu...

**SULDAT ABJAD**

Kollox bħal qabel jibqa'.

**SULDAT ISWED**

Le - il-bidla ssir. Kellhom żmien jaħsbuha. Minn hawn u ftit ieħor se tibda ħajja ġdida għalina lkoll. Aħna lkoll...

*(jieqaf)* Fejn hu-Torri? U l-oħrajn? Fejn huma?...

**SULDAT ABJAD**

Min? L-oħrajn? Hawn kienu qabel ma dalam...

**SULDAT ISWED**

Iċ-ċangaturi kollha vojta. Fejn telqu? It-Torri li kellek warajk... u l-oħrajn kollha? Fejn mar kulħadd?!

**SULDAT ABJAD**
*(jibda jaħkmu l-paniku)*

Telqu wkoll. Approfittaw ruħhom mid-dlam - mill-waqfien - u telqu! Ħarbu!

**SULDAT ISWED**

Minn xiex ħarbu? X'beżgħu? Qed jisbaħ ħares - id-dawl qed jinfirex mal-misraħ, ikeċċi d-dlamijiet!

**SULDAT ABJAD**

Imma kollox... baħħ. Il-baħh biss madwarna!

**SULDAT ISWED**

Se terġa' tibda l-logħba. Imma l-qagħda tagħna titjieb żgur! Għalfejn ħarbu? Kulħadd jeħtieġ li jkun hawn. Illum sebaħ jum ġdid!

**SULDAT ABJAD**

Ħarbu. Ħallewna waħedna - f'dal-misraħ bla qies - m'hawnx ruħ waħda li hi waħda. Jien u int biss - weħedna! U lili? Għaliex m'avżawnix lili? Setgħu tal-anqas wissewni lili! Mhux hekk; ħallewni waħdi!

**SULDAT ISWED**

Le, mhux waħdek. Hawn jien miegħek. Jien u int għad nistgħu...

**SULDAT ABJAD**

Int? Int u jien?!... Int il-ħtija ta' kollox! Jien m'għandix

x'naqsam miegħek!

GĦAGĦA FIL-BOGĦOD TAL-KOTRA RIESQA.

**SULDAT ISWED**

Imma aħna flimkien!...

**SULDAT ABJAD**

Tersaqx lejja!

**SULDAT ISWED**

Int ukoll taħrabni?... Le, stenna - tibżax!

**SULDAT ABJAD**

Ma nibżax?! Ismagħhom - ġejjin! - toqrob il-folla.

TISFIRA U ŻARŻIRA TA' LOUDSPEAKER.

**LOUDSPEAKER**

Attenzjoni, testing, one-two.... Tempo! Tempo! Testing one-two. Attenzjoni!... Zugzwang! Zugzwang! Testing! Sortez les pièces!

**SULDAT ISWED**

X'qed jgħid! ... X'int tgħid?!

**SULDAT ABJAD**

Ġejjin għalik! U għalija! Ismagħħom! Xebgħu jistennew il-Logħba tkompli! Ġejjin għalina!

**SULDAT ISWED**

Imma jekk lanqas biss kienu qed jagħtu kas x'qed jiġri!

**SULDAT ABJAD**

Ma jimpurtahomx! Riedu li l-Logħba tkompli - riedu li xi ħadd jirbaħ! Ikun min ikun - l-aqwa li jirbaħ xi ħadd! L-aqwa li xi ħadd jinqatel u jinqala' barra! Imma issa,

issa minħabba l-indħil tiegħek...! Ara x'ġara! Ħawwadt il-pjanijiet! Forsi ma kenux perfetti - imma tal-anqas setgħu imexxuna fuqhom! Stajna ngħixu tal-anqas! Imma issa - issa ħadd aktar ma jista' jmexxi! Kaos sħiħ! Ħadd aktar ma jista' jirbaħ!

IL-FOLLA QRIB.

**LOUDSPEAKER**

Sortez les pièces! Sortez les pièces!

**SULDAT ISWED**

Le - isimgħuni! Ma fehmunix?... Ħalluni!!

**SULDAT ABJAD**

Le! Mhux jien!... *(iwerżaq)* Minħabba fik! Miegħek se neħel jien! Jien - jien bla ħtija! Bla ħtija qed tisimgħuni...

**SULDAT ISWED**

Għalikom ukoll! Għall-ġid tagħkom stess!...

GĦAGĦA.

**LOUDSPEAKER**

Sortez les pièces!

MUSKETTERIJA - SPARAR FIL-VIĊIN.

L-GĦAGĦA, KREXXENDO.

**LOUDSPEAKER**

*(ton aktar distakkat - mekkanikament)*

Sortez les pièces!... Testing, one-two. Testing. Zugzwang, one, two, testing... testing. Żgumbraw il-misraħ. Kulħadd joħroġ mill-misraħ jekk jogħġobkom. Kulħadd barra. Ftit minuti oħra tibda l-logħba. Testing. Jekk jogħġobkom. *(eku)* Jogħġobkom - jogħġobkom - jogħġobkom. Testing... Zugzwang. Zugzwang...

L-GĦAGĦA TAL-KOTRA TITBIEGĦED.

MOTA TWILA FUQ TANBUR.

IL-KOTRA TISKOT.

ŻEWĠ TAĦBITIET KBAR FUQ TANBUR: IL-QATLA.

GĦAJTA TA' FERĦ U QILLA MILL-KOTRA.
IMBAGĦAD SKIET.

**PREŻENTATRIĊI**
*(leħen simpatiku)*

Niskużaw ruħna mal-pubbliku għal dak il-qtugħ u waqfien fit-trasmissjoni. Nitolbu l-pubbliku jerġa' jsib postu. Il-Logħba terġa' tibda mill-aktar fis possibbli. Niżżukom ħajr u nixtiqulkom il-kumplament tal-jum it-tajjeb fuq dan l-istazzjon.

FANFARA TA' TRUMBETTA.

**KUMMENTATUR**

Ħerġin. Il-pedini, suwed u bojod, reġgħu neżlin fil-misraħ.

DAQQ FUQ IT-TANBUR.

ĊAPĊIP MILL-PUBBLIKU.

POMPA U FERĦ.

ŻAQŻIQ TAT-TORRIJIET GĦADDEJJIN - ŻWIEMEL BIN-NOFS GALOPP.

FL-ISFOND, XI MOTI TA' INNIJIET NAZZJONALI JINDAQQU FUQ IL-LOUDSPEAKERS.

SULDATI JIMMARĊJAW, PASS MARZJALI.

**KUMMENTATUR**

Qed jitqassmu bl-akbar ordni fuq iċ-ċangaturi ħomor u sofor. Żewġ suldati, wieħed Iswed, ieħor Abjad, jitlajjaw lura - ixiddu fuqhom il-korazzi ġodda tagħhom. Malajr ilestu iżda u huma wkoll iħaffu jieħdu posthom.

ĦSEJJES TA' LOGĦOB TAN-NAR ĊELEBRAZZJONALI.

**KUMMENTATUR**

Kollox lest. Il-pubbliku numeruż ukoll reġa' sab postu. Inkass rekord huma stmat għal din il-logħba wkoll. Temp mill-isbaħ! Temperatura 24 grad ċentigradi, 75 Fahrenreit. Riħ moderat mill-punent. Il-logħba se tkompli.

**TMIEM**

**EN PASSANT: NOTA DWAR TERMINOLOĠIJA**

*Sortez les pièces:* il-ħruġ tal-pedini taċ-ċess - strateġija għall-aħjar użu tal-mossi tal-bidu li jistgħu ikunu deċiżivi.

*J'adoube*: tingħad qabel wieħed imiss xi pedina biex jirranġaha u mhux biex imexxiha. Din hi importanti minħabba r-regola tac-ċess li tgħid li meta tmiss pedina, bi żball jew le, ikollok tilgħabha.

*Zugzwang* (Ġermaniż): ċaqliqa ta' bilfors: il-ħtieġa li trid tagħmel mossa bilfors (fic-ċess u f'logħob ieħor). Ġeneralment, li wieħed ikun imissu jagħmel mossa hu mitqies bħala vantaġġ għaliex wieħed jista' jiddeċiedi jiddeċiedi x'mossa difensiva jew offensiva jagħmel. Però, meta wieħed ma jkollu ebda mossa vantaġġjuża x'jagħmel (i.e. jinqabad f"zugzwang") ikun aħjar li ma jċaqlaqx u jħalli lill-ħaddieħor imexxi hu għax kwalunkwe mossa li wieħed ikollu jagħmel f'sitwazzjoni bħal din ma tistax għajr twassal għal qagħda agħar jew ukoll għat-telfa tal-logħba.

*Tempo*: Tirreferi għal ċaqliqa waħda ta' min ikun imissu jilgħab. L-iskop hu li tul il-logħob wieħed jilħaq l-għan tal-istrateġija tiegħu bl-anqas ċaqliqiet possibbli. Li tisforza lil avversarju biex jagħmel mossa żejda, mhux mixtieqa jew mhux ippjanata, jirriżulta ta' vantaġġ għalik.

*Jum fost l-oħrajn* - *En Passant*

ISBN 978 99957 896 26